II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/113

tas-27 ta' Jannar 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 101/2011.

(2) Abbażi ta' reviżjoni, jenħtieġ li l-informazzjoni fl-Anness I għal dak ir-Regolament rigward id-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet tiġi emendata għal tliet persuni, u jenħtieġ li l-informazzjoni relatata mal-applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont il-liġi Tuneżina tiġi emendata għal seba' persuni.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

ANNESS

Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 huwa emendat kif ġej:

(i) l-entrati li ġejjin fit-taqsima "A. Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2" huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
"7.	Halima Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 17 ta' Lulju 1992 L-aħħar indirizz magħruf: il-Palazz Presidenzjali, Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID: 09006300 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Leïla TRABELSI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappropprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u assoċjata ma' Leila Trabelsi (Nru 2).
29.	Ghazoua Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Le Bardo Data tat-twelid: 8 ta' Marzu 1963 L-aħħar indirizz magħruf: 49 Avenue Habib Bourguiba — Carthage, it-Tuneżija Nru tal-ID: 00589758 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: tabiba, bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Slim ZARROUK	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappropprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u assoċjata ma' Slim Zarrouk (Nru 30).
42.	Ghazoua Bent Hamed Ben Taher BOUAOUINA	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Monastir Data tat-twelid: 30 ta' Awwissu 1982 L-aħħar indirizz magħruf: rue Ibn Maja — Khezama est — Sousse, it-Tuneżija Nru tal-ID: 08434380 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Hayet BEN ALI, miżżewġa lil Badreddine BENNOUR	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappropprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u assoċjata ma' Hayet Ben Ali (Nru 33)."

(ii) Fl-entrati li ġejjin fit-Taqsima B, "Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont il-liġi Tuneżina", taħt l-intestatura "Applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva", jiżdiedu s-sentenzi finali li ġejjin:

"25.	Fil-15 ta' Frar 2021 u fl-10 ta' Marzu 2021, is-Sur CHIBOUB instema' minn imħallef inkwirenti fil-kawża 19592/1. Fil-31 ta' Marzu 2021, l-imħallef inkwirenti ddeċieda li jaqta' l-kawża tiegħu mill-kawża ġenerali 19592/1. Il-kawża 1137/2 għadha pendenti.
26.	Fil-31 ta' Marzu 2021, l-imħallef inkwirenti ddeċieda li jaqta' l-kawża tagħha mill-kawża ġenerali 19592/1. Il-kawża 1137/2 għadha pendenti.
30.	Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż bid-data tal-15 ta' April 2021 fil-kawża 29443 ikkundannatu għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.
31.	Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż bid-data tal-1 ta' Novembru 2018 fil-kawża 27658 ikkundannatu għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.
33.	Sentenza bid-data tal-14 ta' Marzu 2019 fil-kawża 40800 ikkundannatha għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.
34.	Sentenza bid-data tas-7 ta' Jannar 2016 fil-kawża 28264 ikkundannatha għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.
46.	Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Tuneż bid-data tal-21 ta' Marzu 2019 fil-kawża 41328/19 ikkundannatu għal miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi."